MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 777/2014

**Management Support Services Limited**

**vs**

**JPM Brothers Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta JPM Brothers Limited tal-5 ta' Settembru 2014 ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni 609/2014 fl-istess ismijiet Management Support Services Limited vs JPM Brothers Limited mahrug mill-Qorti diversament preseduta milqugh fil-21 ta' Mejju 2014;

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici Management Support Services Limited li opponiet ghal dan ir-rikors;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta konvenuta qed tressaq is-segwenti ragunijiet biex il-mandat jigi revokat u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(c), (d), (e) u (f) tal-Kap. 12:

1. **L-ammont mhux prima facie gustifikat jew huwa eccessiv**

Bhala retroxena ghal mandat u l-kawza sussegwenti, il-pretensjoni tas-socjeta Management Support Services li hareg mill-att tal-mandat hi li rrendiet servizzi professjonali ta' konsulenza fin-negozju tas-socjeta JPM miftehma bi skrittura privata liema servizzi gew terminati ghal ragunijiet jew ohra u issa qed tippretendi l-hlas ta' dawn is-servizzi skond l-imsemmi ftehim.

Is-socjeta konvenuta issa qed tishaq illi fil-kawza li giet prezentata in segwitu ghal hrug tal-mandat gie esebit l-istess prospett esebit mal-mandat u illi sallum is-socjeta Management Support Services ghadha ma gabitx provi biex tissostanzja l-allegazzjoni nonostante li ghalqilha z-zmien biex tipprezenta xiehda b'affidavit entro xaharejn mid-9 ta' Gunju 2014. Is-socjeta JPM qed tishaq li ghalhekk il-pretensjoni ta' Management Support Services hi biss ipotezi u kongetturi.

Din il-Qorti ma taqbilx li dan l-argument iwassal ghal revoka tal-mandat. Il-mandat inhareg fuq provi prima facie li l-istess Qorti dehrilha li huma bizzejjed biex jimmerita l-hrug tal-mandat. Din it-talba ghar-revoka qed issir biss erba' xhur wara meta ghadu ma nbidel xejn minn dak deciz mill-Qorti li harget il-mandat. Hu minnu illi s-socjeta Management Support Services ghadha ma pprezentatx provi kif kienet mistiedna taghmel bil-procedura ta' affidavit pero ghalkemm dan mhux agir leali lejn il-Qorti, ma jwassalx b'daqshekk ghal konvinzjoni li dak li hasset il-Qorti fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni inbidel f'dan l-istadju. Il-pretensjoni tal-ammont reklamat jidher li ghadu l-istess u jekk hux eccessiv jew hux gustifikat irid jirrizulta mill-provi waqt il-kawza, liema provi huma differiti ghal-data vicina.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi talba simili fic-cirkostanzi hi prematura u mhix gustifikata minn xi fatt li jgieghel lil Qorti tmur kontra dak li l-istess Qorti ftit xhur ilu dehrilha bhala gustifikat fuq bazi prima facie.

2. **Hemm garanzija ohra bi proprjeta ohra biex jaghmlu tajjeb ghal pretensjoni attrici skond l-istess mandat li jikkolpixxi diversi proprjetajiet**

Din hi fil-fehma tal-Qorti l-qofol tat-talba. Is-socjeta JPM qed tissottmetti illi hemm zewg debiti li jammontaw ghal oltre €2,000,000 li huma dovuti mill-istess socjeta lil terzi u li waslet f'arrangament in principju maghhom li jithallsu b'assenjazzjoni ta' proprjeta partikolari tal-istess socjeta JPM li bhalissa b'mod generiku hi kolpita bil-mandat ta' inibizzjoni. L-istess socjeta izzid li bil-hlas ta' dawn iz-zewg debiti ser jigi newtrallizzat il-hlasijiet ta' imghaxijiet fuq id-debitu stante li d-debiti jkunu gew saldati u jigi evitat procedura ta' stralc kontra l-istess socjeta JPM li wahda mis-socjetajiet kreditrici bdiet kontriha. Izzid illi l-proprjeta l-ohra li jibqa', jaghmel tajjeb ghal kreditu pretiz mis-socjeta Management Support Services. Fil-principju l-ligi trid illi l-kreditur li qed jippretendi dritt ta' kreditu jkun kawtelat bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni biz-zamma tad-debitur li jiddisponi mill-proprjeta tieghu kolpita bil-mandat sakemm tigi verifikata l-mertu tat-talba tal-kreditur. Ma jfissirx b'daqshekk illi dan il-mandat ghandu jintuza mill-kreditur b'abbuz billi jpoggi lid-debitur dahru mal-hajt biex jigi

mgieghel icedi ghat-talbiet tal-kreditur. Ghalhekk il-Qorti trid tassigura li jinholoq bilanc bejn il-pretensjoni tal-kreditur u d-drittijiet tad-debitur li ma jinzammx milli jiddesponi bi hwejgu jekk il-pretensjoni tal-kreditur hi fil-fehma tal-Qorti ben kawtelata.

Il-prova ta' dan kollu pero hi fuq spallejn id-debitur li jrid jikkonvinci b'mod ragonat u b'fatti determinati illi l-pretensjoni attrici hi ben kawtelata u xi parti mill-propjeta kolpita bil-mandat ghandha tigi mehlusa ghax bhala valur tmur oltre dak pretiz.

Din il-Qorti ma gietx konvinta mis-socjeta JPM illi r-rilaxx tal-propjeta mitluba in forza tal-mandat ta' inibizzjoni mhix ser tkun pregudizjevoli ghal pretiz kreditu tas-socjeta attrici. Sta ghad-debitur li jgib il-prova cara tal-attiv u l-passiv. L-attiv jidher in parte mill-atti izda l-passiv ma jidhirx u anqas ingieb prova tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tghid liema mill-proprjetajiet l-ohra verament jistghu jaghmlu tajjeb ghal pretensjoni attrici, billi jistghu jkunu mghobbija bi privileggi u ipoteki jew pizijiet ohra li fl-ahhar mill-ahhar mhux ser ikunu ta' ebda konfort ghas-socjeta attrici jekk tkun rebbieha fil-mertu tal-azzjoni. Is-socjeta JPM gabet biss prova generika li l-ftehim propost 'in principju' ma' zewg kredituri ser jibbenefikaw lilha bhala debitrici tal-istess zewg kredituri izda ma gabet ebda prova realistika kif dan mhux ser jeffettwa bl-ebda mod negattiv lis-socjeta Management Support Services mill-effetti gia ezistenti bil-mandat ta' inibizzjoni.

Ghalhekk il-Qorti ma tqis it-talba kif maghmula hi gustifikata.

3. **Talba ghal garanzija maghmula mill-persuna li favuriha hareg il-mandat**

Is-socjeta JPM qed titlob li bla pregudizzju ghat-talbiet l-ohra hemm lok ghal impozizzjoni ta' garanzija biex taghmel tajjeb ghal penali u danni u imghax.

Il-kwistjoni kollha f'din it-talba hi jekk hemmx causa gusta biex tigi imposta garanzija fuq il-parti li qed tippretendi kreditu favur taghha. Din il-kawza gusta trid tikkonsisti f'raguni jew ragunijiet serji u impellanti li jwasslu lil Qorti timponiha. Id-danni li tirreferi ghalihom il-ligi fl-artikolu cioe 838A huma dawk id-danni likwidabbli li l-intimat jista' jipprova li jkun garrab direttament minhabba l-hrug tal-mandat kawtelatorju kontrih.

Is-socjeta JPM qed tibbaza l-causa gusta fuq l-eccessivita u l-ingustifikazzjoni tal-pretensjoni attrici u t-telfien tal-opportunita li l-istess socjeta JPM li thallas zewg kredituri bil-konsegwenza li s-socjeta tista' tigi stralcjata u titlef il-beni b'irkant gudizjarju, u imghaxijiet li jibqghu jiddekorru sal-bejgh.

Billi l-Qorti gia irrelevat bil-kunsiderazzjonijiet li ghamlet li ma sabitx dawn is-sottomissjonijiet gustifikati f'dan l-istadju tal-prceduri, ma ngibitx causa gusta tali li tpoggi lil din il-Qorti fil-pozizzjoni li timponi l-ghoti ta' garanzija mis-socjeta Management Support Services. F'dan l-istadju u b'referenza biss ghal mandat ta' inibizzjoni jirrizulta lil Qorti illi s-socjeta Management Support Services ghandu pretensjoni naxxenti minn relazzjoni kontrattwali skond dokument esebit minnha stess u illi l-Qorti li harget il-mandat dehrilha li hi prova prima facie sufficjenti ghal hrug tal-mandat. F'dan l-erba xhur sa din it-talba prezenti ma ngiebet ebda prova ohra li b'xi mod ixxejjen il-prova prima facie ghal finijiet biss ta' hrug tal-mandat jew inbidlet xi cirkostanza wara l-hrug tal-mandat li jimmerita rikonsiderazzjoni. In oltre fit-talba prezenti ma ntwera ebda fattur gdid konkret u affidabbli li l-proprjeta kolpita bil-mandat hi eccessiva ghat-talba tas-socjeta Management Support Servcies u ghalhekk jimmerita li parti mill-proprjeta tigi rilaxxata. Meqjusin dawn il-fatturi ebda raguni impellenti ma tezisti biex il-Qorti timponi l-ghoti ta' garanzija mis-socjeta Management Support Services ghal xi danni li tista' issofri s-socjeta JPM kagun tal-azzjoni gudizjarja mehdua mis-socjeta Management Support Services.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta JPM Brothers Lted, bl-ispejjez kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------